MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 387/2010

**App. Nru. 387/2010 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Tanti**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Tanti talli ghan-nom u in rappresentanza ta’ Wen Zhou Company Limitied u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998), u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, fl-20 ta’ April 2010 waqt spezzjoni ta’ sorpriza li sehhet f’Wen Zhou Restaurant – Triq Bordino – San Pawl il-Bahar, hu jew xi persuna  ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, provda jew offra li jipprovdi lil persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist

minn *cash register* fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Telttax-il Skeda ta' l-Att ta' 1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u l-artikoli 51 u 77(o) u 82 ta' l-istess Att;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Settembru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il- partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Telttax-il Skeda u l-artikoli 51 u 77(o) u 82 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi John Tanti hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' tmien mitt euro (€800);

Rat ir-rikors ta' appell ta' John Tanti pprezentat fit-28 ta' Settembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena, u subordinament, f'kaz ta' konferma ta' htija illi timmodifika l-piena nflitta ghal wahda aktar fil-minimu li tkun ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-fedina penali ta' l-imsemmi John Tanti esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li mill-provi ma jirrizultax li hu jew persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu kienu qed joperaw bi ksur ta' l-artikolu 51 u l-paragrafu (o) ta' l-artikolu 77 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena ghandha tinghata fil-*minimum* taghha.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jammetti li kien sprovvist minn *cash register* fiskali izda mhux minn ktieb ta' l-ircevuti fiskali. L-appellant jghid li dan il-ktieb kien hadu mieghu fil-karozza biex ikun jista' jinghata servizz u jinhargu rcevuti skond il-ligi. Huwa minnu li meta marru l-ispetturi tal-VAT u sabu lil Gary Tanti u talbuh ghall-ktieb ta' l-ircevuti fiskali dan qallhom li ma kienx jaf fejn hu. Izda dan, skond l-appellant, ma jfissirx li kien sprovvist mill-ktieb. Wara kollox f'dak il-mument ma kien hemm hadd fil-hanut li kien wasal ghall-hlas. L-ispetturi pero` accedew fil-hanut fil-hin li l-appellant kien hareg biex jixtri *self-raising flour* u l-ktieb kien ghadu fil-karozza tieghu. Skond l-appellant, bl-uzu tal-kelma "sprovvist" il-legislatur ried, *"fejn in-natura tal-kummerc u c-cirkostanzi tal-kaz jippermettu, jaghti interpretazzjoni wiesa' ta' din id-disposizzjoni* [l-artikolu 77(o) tal-Kap. 406] *u mhux jirrestringi l-kamp ghall-pussess fil-bini per se ta' fejn ikun qed jinghata s-servizz. Individwu kien ikun 'sprovvist' li kieku ma kienx ippreparat ghall-eventwalita` futura ta' meta jiskatta l-obbligu li tinhareg ircevuta fiskali, izda fil-verita` ktieb ta' rcevuti kien hemm u sahansitra ntuza dakinhar stess."*

L-appellant isostni illi f'dan il-kaz il-hanut huwa ristorant fejn is-servizz idum jinghata ghal tul ta' zmien precedenti l-pagament. Ghalhekk, ghax huwa llarga ghal ftit minuti u l-ktieb ta' l-ircevuti kien mieghu ma jistax jinghad illi effettivament il-persuna l-ohra tat servizz waqt li kienet sprovvista mill-ktieb ta' l-ircevuti. Ir-ristorant kien ippreparat jipprovdi l-apposita rcevuta fil-mument li fih jiskatta l-obbligu li tinhareg dik l-ircevuta.

Mill-provi li din il-Qorti semghet mill-gdid jirrizulta illi fl-20 ta' April 2010 saret spezzjoni minn spetturi tal-VAT fil-Wen Zhou Restaurant f'San Pawl il-Bahar. F'dak il-hin l-appellant ma kienx prezenti peress illi kien hareg jixtri *self-raising flour* li kien jehtieg ghal xi ikel li ried iservi. Fil-hanut kien hemm hu l-appellant Gary Tanti li xehed li hu *shareholder* ma' hutu izda li xoghlu fil-post kien ta' *waiter* u huhom iehor Paul Tanti. Inoltre kien hemm persuna li kienet giet tordna *take-away* u tliet klijenti ma' mejda. L-ispetturi tal-VAT sabu li l-*cash register* ma kienx

funzjonanti u li dak il-hin ma kienx hemm kotba ta’ l-ircevuti tal-VAT fuq il-post. L-appellant pero` kellu ktieb ta’ l-ircevuti. Jirrizulta illi, sfortunatament, meta hareg ha mieghu l-*pouch* li go fih kellu dak il-ktieb flimkien mal-flus.

L-artikolu 77(o) tal-Kap. 406 jipprovdi li hija hatja ta’ reat kull persuna li **“tipprovdi jew toffri li tipprovdi lil persuna ohra u, jew tesponi ghall-bejgh oggetti, waqt li tkun sprovvista minn cash register fiskali jew kotba tar-ricevuta fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju”**. Din il-Qorti ma tistax timmagina, kif jippretendi l-appellant, li l-intenzjoni tal-legislatur ma kinitx li l-mezzi idoneji biex tigi rilaxxata rcevuta ma jkunux fuq il-post fejn tinghata l-provvista. F’dan il-kaz huwa minnu illi fil-hin li kien hemm l-ispetturi tal-VAT ma kien hemm l-ebda mezz, izda sija meta saru t-talbiet ghall-provvista u sija meta saru l-hlasijiet ghal dawk il-provvisti, il-ktieb kien fil-pussess ta’ l-appellant fir-ristorant u gew anke rilaxxati rcevuti. F’dawn ic-cirkostanzi partikolari l-appellant ma jistax jitqies hati ta’ l-imputazzjoni dedotta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u ghalhekk tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u minnha tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------